# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXI**
**Illum 26 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 238/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lino Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lino Cachia (fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) talli (**1**) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fid-9 ta' Settembru, 1999 u fi zmien qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkkonferma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinstab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51 u 77(a)(e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998; u aktar (**2**) talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti u jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51 u 77(a)(e) 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998; il-prosekuzzjoni talbet li, peress li kien hemm taxxa perikolata ta' Lm22.97, tigi mposta multa ohra li tkun daqs ghaxar darbiet dik it-taxxa perikolata, u dan skond l-Artikolu 77 tal-imsemmi Att XXIII/1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Ottubru, 2000, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Lino Cachia hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200), izda lliberatu mit-tieni mputazzjoni; dik il-qorti, inoltre, kkundannatu multa ohra ta' mitejn u disa' w ghoxrin lira u sebghin centenzmu (Lm229.70) stante li rrisulta li kien hemm taxxa perikolata ta' Lm22.97;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Lino Cachia, minnu ppresentat fit-31 t'Ottubru, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

F'dana l-kaz xehed biss (ghall-anqas fl-istadju ta' appell) l-ispettur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud Warren Scicluna. Mill-provi jirrisulta li fid-9 ta' Settembru, 1999 l-appellant ghamel provvista taxxabbli lil certu Anthony Vella. L-appellant ma harigx ricevuta fiskali izda hareg biss "invoice". Vella mar l-ufficcju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex japplika ghal rifuzjoni tat-taxxa li kien hallas peress li l-ispejjez li kien ghamel kienu spejjez konnessi mat-tieg. L-ufficjali f'dana l-ufficcju qalulu li ried jippresenta ricevuta fiskali, li evidentement dan Vella ma kellux ghax ma kienitx inharget. In segwitu ix-xhud Warren Scicluna kien mar il-hanut ta' l-appellant u, wara li vverifika l-*journals* tal-*cash register* sab li effettivament ir-ricevuta fiskali relattiva verament ma kienitx inharget (kif, del resto, ammetta mieghu l-appellant). Skond dan ix-xhud, l-appellant kien qallu li ma kienx jaf li kellu johrog ricevuta fiskali. Ir-ricevuta fiskali harget biss fil-gurnata meta saret l-ispezzjoni (cioe` fil-31 ta' Jannar, 2000) fuq ordni ta' l-imsemmi Scicluna.

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jevadi t-taxxa, tant li hu hareg "invoice" bil-hsieb li Vella jmur biha proprju l-ufficcju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex jaghmel it-talba ghar-rifuzjoni. Id-difensur ta' l-appellant, fis-sottomissjonijiet tieghu, ipprova anke jfisser li l-"invoice" li hareg l-appellant fil-fatt inharget bl-intenzjoni li sservi ta' "tax invoice" ghall-finijiet tal-Artikolu 50 tal-Att in kwistjoni.

Il-Qorti, pero`, tara li kienet x'kienet l-intenzjoni ta' l-appellant meta naqas milli johrog ricevuta fiskali u minflok hareg semplici "invoice", il-fatt jibqa' li hu naqas milli jottempera ruhhu mad-disposizzjonijiet tal-ligi li huma cari u ma jammettu ebda eccezzjoni ibbazata fuq l-intenzjoni ta' dak li jkun. Galadarba Vella ma kienx persuna registrata ghall-finijiet tal-VAT, l-appellant ma setax johroglu "tax invoice" izda kellu johroglu ricevuta fiskali. Bil-fatt illi naqas milli johrog tali ricevuta, l-appellant kien qed <u>jipperikola</u> t-taxxa dovuta, indipendentement minn jekk in segwitu huwa ddikjarax tali taxxa fir-*return* ghax-xahar jew xhur relattivi. Anqas ma jista' l-appellant jiskuza ruhhu billi jghid li ma kienx jaf li kellu johrog ricevuta fiskali u mhux semplici "invoice", ghax, kif inhu risaput, l-injoranza tal-ligi ma tistax tigi opposta kontra akkuza ta' natura kriminali.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur